MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 39/2012

**Alfred u Maria konjugi Tanti rispettivament ID 372843M u 467543M u b'digriet tal-Bord tat-18 t'Ottubru 2012 wara l-mewt ta' Alfred Tanti l-atti kienu legittimati f'isem Rita mart Charles Micallef.**

**vs**

**Philip Busuttil**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimat l-fond 10, Triq in-Nutar Zarb, Attard versu l-kera ta' €250 fix-xahar, l-ahhar skadenza ta' Frar 2012.

Illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera u senjatament ta' April, 2011 u Mejju 2011.

Illi nterpellat ufficjalment biex ihallas il-kera ghal zewg skadenzi konsekuttivi baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq indikat ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi kif evidenti mill-atti, l-intimat, debitament notifikat b’dan ir-rikors permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni naqas milli jikkontesta l-kawza kif ukoll milli jidher sabiex jobjetta ghat-talbiet tar-rikorrenti. Din il-kawza hija proposta fuq istanza tas-sid ta’ fond mikri lill-intimat wara li l-istess intimat naqas milli jhallas zewg skadenzi ta’ kera, jigifieri dik ta’ April 2011 u ta’ Mejju 2011;

Sabiex tirnexxi t-talba odjerna l-fatti jehtieg li juru dak rikjest fl-rtikolu 9(a) u *proviso* tal-Kap 69. Kif ritenut fil-gurisprudenza kopjuza in materja: “…*huwa pacifiku illi biex ikun hemm din il-morozita’ jehtieg li jkunu saru zewg interpellazzjonijiet ghall-hlas ghal zewg skadenzi diversi* (***Kollez. Vol. XLVIII P I p 87***) *u li ghal finijiet ta’ l-Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69 irid jirrizulta nuqqas ta’ hlas fit-termini preskritti dekoribbli mill-interpellazzjoni* (***Kollez. Vol. XLVIIP I p 287***)” **- Emanuel Armeni vs Anthony Mangion** App tal-20 t’Ottubru, 2004. Ir-rikorrenti xehdet illi l-fond *de quo* huwa mikri lill-intimat bhala *garage* u jintuza bhala *showroom* bil-kera ta’ €250 pagabbli kull xahar. L-ahhar kera li thallset kienet f’Novembru tal-2010 u meta marret personalment ghand l-intimat sabiex titolbu l-kera, dan hebb ghaliha u ghalhekk kellha tirrikorri ghand l-avukat taghha sabiex jiktiblu ghall-kera dovuta. Minkejja dan, l-intimat qatt ma hallas jew iddepozita l-kera l-Qorti. Oltre l-interpellanza verbali tar-rikorrenti, din ezebiet kopa ta’ zewg ittri ufficcjali li permezz taghhom l-intimat kien interpellat ihallas l-iskadenza ta’ April 2011 u ohra ghall-

iskadenza ta’ Mejju 2011. Iz-zewg ittri ufficcjali kienu notifikati lill-intimat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. B’hekk jirrizultaw mill-anqas tlett okkazzjonijiet fejn l-intimat kien interpellat ihallas il-kera dovuta u dan baqa’ moruz wara l-hmistax-il jum ravvizat fl-artikolu 9(a) tal-Kap 69;

Issa, il-gurisprudenza trid illi mhux bizzejjed li l-intimat ikun moruz fil-hlas ghaliex jehtieg ukoll li l-Bord jesplora jekk kienx hemm xi gustifikazzjoni ghal dan in-nuqqas li jista’ jevita l-estremi tal-izgumbrament (ara per ezemplari **Joseph u Carmen ahwa Darmanin vs Giljan Cutajar App 23.11.2005**). Dan l-ezercizzju, izda, mhuwiex wiehed li jista’ jsir fil-kaz odjern ghaliex, kif gia inghad, l-intimat ma ressaq ebda objezzjoni jew xhieda in rigward. Minn ezami tal-atti, jirrizulta biss illi r-rikorrenti ghamlet dak kollu rikjest mil-ligi billi interpellat lill-intimat sabiex ihallas il-kera dovut fi tlett okkazzjonijiet minghajr success.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------